Minuti tal-laqgħa erbgħa u għoxrin (24), tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar it-Tlieta, 25 ta' Novembru 2014 fil-5.30 ta' fil-għaxija fis-Sala tal-Kommunita'.

Preżenti għal laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| | |
| Is-Sna Odette Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Seg. Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-membri sabiex il-laqgħa tibda' tiġi rrekordjata. Il-membri qablu unanimament.

1. Talba

1.1 Il-laqgħa ġiet ippreseduta mis-Sindku, s-Sur Saviour Borg u bdiet b'talba.

2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-minuti tal-laqgħa tlieta u għoxrin (23) ġew approvati kif preżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

*Mill-Minuti*

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li:

2.2 L-influenza *vaccine* ingħatat lil wieħed u erbgħin (41) residenti nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Novembru 2014 minn *nurse* Darren Briffa u l-ħlas għal dan is-servizz hu ta' €50.

2.3 Il-Kuntrattur Chris Gauci fil-ġimgħat li ġejjin għandu jgħaddi l-*ispecifications* sabiex tkun tista' toħroġ il-*quote* għal *flicker lights.*

2.4 Is-Seg. Eżekuttiv ppreżentat tlett kwotazzjonijiet għar-riċeviment ta' Jum il-Fontana. Il-membri qablu li tingħata lil irħas wieħed, dik ta' Anġlu Bajada għal prezz ta' €310, liema kwotazzjoni tinkludi ikel, ilma,



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

waiters, tazzi u l-VAT. Il-kwotazzjonijiet l-oħra kienu €486 ta' Francis Grima u €508 ta' Pastizzeria Agius.

2.5 Reġgħet ħarġet l-offerta' ta' l-*online streaming* u ser tagħlaq fid-29 ta' Diċembru 2014 f'nofsinhar.

2.6 Intbgħatet ittra lil Għaqda Armar – Fontana fejn ġew infurmati bil-ħinijiet ta' kemm għandu jdum mixgħul it-tiżjin. Is-Sur Mercieca informa lil preżenti li t-tiżjin ser ikun lest u ser jinxtegħel qabel għal Festa ta' Sant Indrija peress li ser ikun hawn delegazzjoni minn Ħal Luqa.

2.7 Rigward it-tindif ta' parti mill-Wied tax-Xlendi, il-Kunsill talab gwida lid-Dipartiment tal-Kuntratti, d-Dipartiment informa lil Kunsill sabiex jieħu parir legali. Is-Sindku propona li jitqabbad Avukat. Is-Sur Micallef ssuġerixxa li tintbgħat *acknowledgement* mis-Seg. Eżekuttiv lil Avukat ta' Joe Cauchi. Il-membri qablu li għandu jittieħed parir legali. Is-Sindku propona li għandu jiġi verifikat jekk l-offerta għadiex valida skond kif hemm fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

2.8 Intrama l-*iscaffolding* mis-Sur Joe Grima għal prezz ta' €250 sabiex ikun jista' jsir ix-xogħol ta' restawr fuq in-niċċa tal-Kunċizzjoni. Is-Sindku propona li l-*pipe* ta' l-*airconditiion* li hemm mal-ħajt biswit in-niċċa jintradam ġol-ħajt. Il-membri qablu.

2.9 Intalbet stima minn għand Neville Mercieca għat-twaħħil tal-qsari fejn ir-*railing* fi Triq il-Għajn, iżda l-Kunsill għadu bla risposta.

2.10 Intbgħatet ittra lil Manager, HSBC rigward l-istat tat-tabella *Merħba Fontana* li hemm imwaħħla fil-bidu ta' Triq l-Isptar San Giljan.

2.11 Intbagħtet ittra lil Kummissarju ta' l-Artijiet rigward Sqaq ta' Fuq il-Lunzjata fejn intalab jiġi verifikat hux sqaq pubbliku jew privat.

3. *Financial Statements*

3.1 Il-*financial statements* ġew imressqa mis-Seg. Eżekuttiv u ġew approvati kif preżentati. Ġew iffirmati disa' (9) kopji sabiex jintbgħatu lil Awdituri Spiteri Bailey & Co kif ġie mitlub minnhom.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Boz

4. Għoti ta' l-Offerta

4.1 Il-Perit Gordon Vella informa lil Kunsill permezz ta' *email* li sabiex jinbena l-ħajt fi Triq John Gaspard le Marchant m'hemmx bżonn permessi tal-MEPA. Il-Perit issottometta r-rapport ta' adġudikazzjoni tiegħu. L-offeranti kellhom żball fl-ammont u skond klawsola fl-offerta, l-ammont hu soġġett għal korezzjoni imbasta r-rata ma tinbidilx. Wara l-korrezzjonijiet l-irħas offerta kienet dik tas-Sur Jason Gauci. Il-membri qablu li tingħata lil Jason Gauci peress li hi l-aktar waħda vantaġġjuża. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tibgħat l-ittra ta' aċċettazzjoni. Is-Sindku qal li l-ilma tax-xita jidher li jrid jaqleb lejn in-naħħa tat-taraġ u mhux il-barra kif intqal f'laqgħa preċedenti peress li l-livelli tat-triq ma jippermettux. Għalhekk biex l-ilma ma jiġix fit-tarag, s-Sindku u s-Sur Micallef proponew li meta ssir it-triq isir ukoll il-*water culvert* li jitfa' l-ilma għal Triq Santa Dminka.

5. *Community Chest Fund*

5.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li fil-21 ta' Diċembru 2014, fis-6pm ser jittella' programm fis-Sala tal-Komunita' bis-sehem tal-Chorus Urbanus, id-*Dance Cradle*, *Centre Stage*, *New Identity Line Dancers* u l-Kitarristi tal-Knisja. Waqt li jkun qed jittella' dan il-programm ser tattendi l-President ta' Malta, is-Sinjura Marie Louise Coleiro Preca. Waqt is-serata jkun hawn ukoll *Father Christmas* iqassam il-ħelu lit-tfal. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jitlob lis-Sur Simon Micallef sabiex jilbes ta' *Father Christmas*.

5.2 Rigward il-ġbir għall-Istrina, il-membri qablu li għandu jintbagħat *envelope* ġo kull dar mal-bullettin. Ir-residenti jistgħu jitfgħu l-*envelopes* ġo kaxxa fil-Knisja jew f'kaxxa fl-Uffiċċju tal-Kunsill, liema kaxxa tkun isiġillata. Is-Sur Micallef sostna li jħoss li l-*helpers* tal-Knisja li jqassmu l-bullettin għandhom immorru jiġbru l-*envelopes* bħal ma jagħmlu f'ġabriet oħra simili. Is-Sindku nfurmah li l-knisja ma tridx li jsir dan il-ġbir minn ġod-djar. Is-Sur Mercieca propona li għandu jintbagħat avviż mill-Kunsill lir-residenti ġo kull dar fejn jinfurmah b'dan il-ġbir u wkoll biex iħeġġeġ lin-nies biex jattendu għal attivita' tal-21 ta' Diċembru 2014.

6. Ġbir ta' Skart Separat

6.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li wara li ġiet mgħarrfa b'*email* mill-Green MT li ser jaslu għand il-Kunsill 2000 borża, minflok waslu l-Kunsill 200 borża. Peress li skada l-kuntratt mal-Green MT, is-Seg. Eżekuttiv fuq proposta tas-Sindku talbet lil Greenpak sabiex jaraw l-


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555


S. Boz

iskema tagħhom x'toffri lil Kunsill. Il-membri qablu li m'għandhomx jitqassmu boroż lir-residenti jekk ma jkunx hemm għal kulħadd. Is-Sindku propona li l-Kunsill għandu jieħu parir leġali dwar il-pagmenti li l-Kunsill għandu jieħu mill-Green MT. Is-Sur Micallef ssuġerixxa li s-Seg. Eżekuttiv għandha tindaga ma' Kunsilli oħra li jaħdmu mal-Greenpak biex tara kif jaħdmu magħhom.

6.2 Rigward il-ġbir tal-ħġieġ kull l-ewwel Ħamis tax-xahar, is-Sindku ġibed l-attenzjoni li kellu diversi lmenti li kien hemm ħafna ħġieġ imkisser f'nofs tat-triq, speċjalment fi Triq San Martin. Il-membri qablu li għandha tintbgħat ittra reġistrata lil Kuntrattur f'dan ir-rigward. Il-Viċi Sindku sostna li billi kien suġġerit li l-ħġieġ jitpoġġa f'kaxxi tal-kartun, dan mhux sew peress li l-kaxxi qed jitqettew u jispiċċa ħġieġ imkisser fl-art. Is-Sur Micallef sostna li l-Kuntrattur għandu jiġbor ukoll l-kaxxi li ġo fih ikun il-ħġieġ mhux l-kaxxa titħalla barra wara l-bieb. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jerġa' jibgħat avviż lir-residenti fejn jinfurmahom li l-ħġieġ għandu jitpoġġa ġo kontenitur tal-*plastic* flok f'kaxxi tal-kartun.

7. <u>Korrispondenza</u>

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li:

7.1 Daħlu fil-kont tal-Kunsill €5027.79 r-*reimbursement* tal-CIES (Skema' Impieg Inklussiv fil-Lokalita') ta' l-iskrivana tal-Kunsill wara diversi talbiet minn naħa tal-Kunsill.

7.2 Daħlu wkoll fil-kont €450 bħala parti mill-ħlas ta' l-iskema ta' Restawr ta' Postijiet Storiċi. Is-Sindku propona li għandha tintbgħat ukoll l-*invoice* ta' €175 li ħallas il-Kunsill għal applikazzjoni tal-MEPA sabiex dawn il-flus jinġabru mill-iskema.

7.3 Fil-kont ta' l-*Urban Improvement Funds* hemm għad-dispożizzjoni tal-lokalita' tal-Fontana €467.88.

7.4 s-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv attendew għat-tribunal ta' reviżjoni fil-MEPA minħabba multa ta' Lm150 jiġifieri €350 li jrid iħallas il-Kunsill sat-12 ta' Frar 2015, dan fuq il-każ tal-fanal u l-arloġġ li kienu twaħħlu mill-Kunsill fi Pjazza l-Għejjun fejn ingħata permess biss għal bankijiet u *bollards*. Fis-sena 2005 beda' jinstema' l-appell immressaq mill-Kunsill. Il-membri qablu li din il-multa għandha titħallas sabiex jingħalaq dan il-każ.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

7.5 Ittra minn *Transport Malta* fejn il-Kunsill ġie infurmat sabiex ma jagħtix permessi biex jingħalqu t-toroq arterji mill-20 ta' Diċembru 2014 sat-2 ta' Jannar 2015.

7.6 Rigward l-Iskema Inizjattivi Sportivi fil-lokalita' wara li l-Kunsill applika għal din l-iskema ġie deċiż mill-Kunsill li ma jiġix iffirmat il-Kuntratt peress li l-għajnuna li ser tingħata mill-KMS u d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali lil-Kunsill hi dik ta' €605 biss wara talba li saret mill-Kunsill għal aktar minn €6000, sabiex jiġu organizzati diversi attivitajiet. Il-membri qablu li l-attivitajiet xorta għandhom isiru.

7.7 Irċeviet ilment minn għand is-Sinjura Esther Sacco rigward *patching* quddiem 1, Triq Wied Siekel u sabiex issir rampa għal garaxx. Is-Sindku nforma lil preżenti li *patching* sar xi xaghrejn ilu iżda baqa' jżomm xi ftit ilma. Il-membri qablu li għandu jsir il-*patching* neċessarju. Rigward ir-rampa tal-garaxx il-membri qablu li din taqa' taħt il-konfini tal-Kunsill Lokali tar-Rabat u għalhekk ir-residenta għandha tagħmel talba lil Kunsill responsabbli.

7.8 Irċeviet ilment minn għand is-Sur Joseph Camilleri li joqgħod fi Triq Mons Mikiel F. Buttigieg rigward il-kisi tat-triq, sabiex titkompla l-bankina u rigward il-ħmieġ tal-klieb f'din it-triq peress li għadha trab. Il-membri qablu li din it-triq trid issir mill-gvern ċentrali peress li għadha bla wiċċ. Hija wkoll il-*policy* tal-Gvern Centrali li tkun ta' l-inqas mibnija 70% u għalhekk lanqas il-bankina ma tista' ssir għalissa. Il-membri qablu li t-tabelli tal-ħmieġ tal-klieb jistgħu jitwaħħlu mill-Kunsill.

7.9 Irċeviet ilment minngħand George N Cassar ta' Triq PP Hili rigward l-*bus stop* f'tarf tat-triq u s-sewqan esaġerat. Il-membri qalu li il-*bus stop* saret bi qbil mal-Kunsill fuq proposta ta' *Transport Malta* peress li meta l-*bus* kienet tieqaf f'Wesgħa Labini il-*bus* ma kienitx iddur u tispiċċa fuq il-karreġjata l-oħra. Barra minn hekk ir-residenti tal-Fontana kien ikollhom jieqfu l-*bus terminus*. Rigward is-sewqan eċċessiv, il-Kunsill qabel li għandu jkellem lil Perit Anġlu Portelli sabiex titħejja pjanta bil-proposta ta' l-*anti skid marron tarmac* sabiex issir talba lil *Transport Malta* halli tissolva din il-problema.

8. <u>Approvazzjoni ta' Kontijiet</u>

8.1 Skeda Nru 20 tal-ħlasijiet ġew approvati u ffirmati mill-membri tal-Kunsill.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg.

8.2 Il-membri qablu li l-linja tal-fax 21562555 titneħħa peress li l-*fax* m'għadiex tintuża.

8.3 Biex jiġi frankat mill-kont tal-ħlas tat-telephone, l-membri qablu li għandhom jabbonaw mal-Go jew Melita Business għal prezz ta' €50 fix-xahar li jinkludi l-VAT fejn jagħtu *unlimited calls to any network.*

8.4 Rigward il-kont ta' Carmel Grima, l-Perit m'għamilx ċertifikazzjoni li dan tħallas. Is-Sindku qal li vverifika mal-BOQ ta' l-offerta li għamel l-istess Perit u qal li hu mniżżel li tħallas €450 kif kien fl-offerta. Għalhekk il-membri qablu li għandha tintbgħat ittra lil Kuntrattur li dan ġie imħallas u tintbgħat kopja tal-pagament fejn juri dan.

9. <u>Materji oħra</u>

9.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li talbet żewġ kwotazzjonijiet għal boxla tal-ħġieġ tal-bieb ta' l-uffiċċju. Il-membri qablu li din għandha ssir boxla li tingħalaq fuq xulxin biex ma tiġix tinfetaħ il-barra.

9.2 Kien hemm qbil li jinxtara *cordless phone* għal uffiċċju u jinxtara wkoll rekorder diġitali biex jiġu rekordjata l-minuti.

9.3 Peress li s-Sindku tilef il-*lapel badge*, is-Seg. Eżekuttiv staqsiet jekk tistax tinxtara oħra mill-Kunsill. Il-Viċi Sindku qal li meta hu tilef il-*badge* tiegħu kienet inxtratlu oħra mill-Kunsill. Kien hemm qbil li din titħallas mill-Kunsill.

9.4 Is-Seg. Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-iskart domestiku qed jinġabar minn nies barranin li qed jaħdmu mal-Kuntrattur Jason Debrincat. Il-membri qablu li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Kuntrattur sabiex jissottometti kopja tal-ktieb tax-xogħol ta' dawn il-ħaddiema.

9.5 Rigward l-*vacation leave* ta' l-iskrivana, s-Seg. Eżekuttiv preżentat ittra mibgħuta mill-iskrivana fejn intalab sabiex jiġi mġedded l-*leave* li għad baqalha għas-sena 2015. Il-membri qablu.

9.6 Rigward l-*vacation leave* tas-Seg. Ezekuttiv, is-Sinjura Camilleri preżentat ittra fejn talbet li jiġu mġedda 91 siegħa *leave* li ser jibqala' sa' l-aħħar tas-sena. Il-membri qablu.



S. Borg

9.7 Rigward l-ikla tal-Milied għal Kunsilliera u l-*istaff* il-membri qablu li din għandha ssir l-Gimgħa, 19 ta' Diċembru 2014, iċ-Ċima Restaurant, ix-Xlendi.

*Is-Sindku*

9.8 Rigward il-ħarġa soċjo kulturali f'Għawdex, il-Hamis, 4 ta' Diċembru, l-membri qablu li l-ħarġa tibda' b'quddiesa fid-9.00 ta' fil-għodu fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni fil-Qala. Wara issir żjara fil-*Government Experimental Farm* fix-Xewkija u għal ikla ta' nofsinhar jmorru l-Calypso Hotel. Il-Calypso Hotel talbu ħlas ta' €6.50 għal kull persuna fejn jagħtuhom platt għaġin bi tlett tipi ta' għaġin, deżerta u flixkun ilma. Dawn ser jiġu mħallsa mir-residenti stess. Il-membri qablu li għandu jintbagħat avviż lir-residenti.

9.9 Is-Sindku nforma lil preżenti biex jinħareġ il-fuljett tal-Kunsill li jmiss fil-Milied u l-Kunsill jaħseb għal ikla tal-Milied lil anzjani li jgħixu weħidhom. Il-membri qablu.

9.10 Is-Sindku nforma lil preżenti li intbagħtet *acknowledgement* mill-MEPA rigward l-ewwel *Amended Application* għat-tindif tal-Wied tax-Xlendi.

9.11 Is-Sindku nforma lil preżenti li l-MEPA bagħtet kopja ta' *stop notice* lis-sidien tal-Fontana Cottage Industry li qed jagħmlu żvilupp bla permess in-naħa ta' wara. Peress li dawn ma waqfux ix-xogħol, il-MEPA ħarġet multa ta' €2 kuljum.

9.12 Is-Sindku nforma lil preżenti li beda l-kors taz-Zumba b'tul ta' 25 ġimgħa. Qed jattendu għal dan il-kors 45 persuna.

9.13 Fid-9 ta' Novembru 2014 saret ħarġa soċjo kulturali għar-residenti tal-Fontana f'Malta fejn żaru il-monti tal-*park & ride* kif ukoll żaru il-lokalita' tal-Baħrija fl-okkażżjoni tal-Festa ta' San Martin. Attendew 42 persuna fosthom is-Sindku u s-Sur Micallef.

9.14 Fit-13 ta' Novembru 2014 s-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv attendew għal għoti ta' għadd ta' kotba mill-*Europe Direct*. Din l-attivita' saret fil-librerija pubblika fi Pjazza San Franġisk.

9.15 Fit-13 u l-14 ta' Novembru 2014 ġew mixgħula l-Għejjun b'dawl blu fl-okkażżjoni tal-Jum Dinji tad-Diabetiċi.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Boz

9.16 Fil-14 ta' Novembru 2014, is-Sindku attenda għas-seduta tal-Qorti dwar il-kawża ta' Anthony Cassar kontra l-Kummissarju ta' l-Artijiet dwar il-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn fejn hu propost li jitkompla jinbena l-aħħar fażi taċ-ċentru ċiviku. Is-Seduta ġiet diferita għat-12 ta' Diċembru 2014 b'xahar ieħor mill-Maġistrat sabiex jintlaħaq ftehim.

9.17 Fl-14 ta' Novembru s-Sindku attenda għal laqgħa oħra tal-Kumitat Reġjonali għal Għawdex li saret fil-Banca Giuratale.

9.18 Il-membri tal-Kunsill u s-Seg. Eżekuttiv attendew għal laqgħa mal-Kappillan dwar il-ftehim ta' kooperazzjoni li ser issir mal-lokalita' ta' Hal Luqa, kif ukoll l-attivita' li ser tiġi organizzata fil-21 ta' Diċembru b'risq il-*Community Chest Fund.*

9.19 Is-Sindku nforma lil preżenti li għal festa' ta' Sant' Indrija ser jattendu delegazzjoni u residenti mill-Kunsill Lokali ta' Hal Luqa. Għal dan il-għan il-membri qablu li wara l-pontifikal għandha ssir preżentazzjoni tar-replika ta' l-Għajn il-Kbira mis-Sindku.

9.20 Twaħħlu t-tabelli fil-bidu ta' Triq is-Sajjieda li jindikaw it-Triq tax-Xlendi u oħra n-naħa ta' fuq ta' Triq is-Sajjieda li ma tinfidx.

9.21 Is-Sindku u l-Viċi Sindku attendew għal laqgħa organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għas-Sindki u l-Viċi Sindki fil-lukanda Calypso f'Marsalforn.

9.22 Is-Sindku attenda għal laqgħa tal-*Community Chest Fund* li kienet mill-Eċċellenza tagħha, l-President ta' Malta fil-Gnien Villa Rundle.

9.23 Twaħħlet ukoll mera tat-traffiku bejn Triq San Martin u Triq Wied Siekel. Din kienet għaddiet f'laqgħa preċedenti.

9.24 Is-Sindku propona li titwaħħal Mera ġdida flok dik imkissra fi Triq l-Isptar San Giljan faccata ta' Triq is-Sajjieda. Billi din hi triq arterja, s-Sur Micallef talab lis-Seg. Eżekuttiv biex l-għada filgħodu tibgħatlu dan l-ilment il-Ministeru għal Għawdex.

*Is-Sur Horace Micallef*

9.19 Is-Sur Micallef ġibed l-attenzjoni li jkun xieraq li jitwaħħlu l-*istickers* fil-latrina pubblika u f'dawk tas-Sala tal-Komunita' li jindikaw liema huma tan-nisa u ta' l-irġiel. Il-membri qablu.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

9.20 Ġibed l-attenzjoni li l-globu taż-*zebra crossing* għadu ma weħilx fi Triq P P Hili. Is-Sindku nfurmah li kellu jeħel it-Tnejn li għadda peress li dam biex inġab minn Malta għax il-kuntrattur ma setgħax isib globu isfar bħal li diġa hemm. Is-Sindku ċempel lil kuntrattur Chris Gauci dak il-ħin fejn is-Sur Gauci nfurmah li ser imur iwaħħlu.

*Is-Sur Mario Mercieca*

9.21 Ġibed l-attenzjoni sabiex il-minuti jibdew jintbagħtu ma l-Agenda jiġifieri ħamest ijiem qabel il-laqgħa.

9.22 Rigward il-problema tal-ħamiem is-Sur Mercieca ssuġerixxa li l-bankina ta' Triq P P Hili tinħasel u tingħorok bl-ixkupa biex jitneħħa dan il-ħmieġ. Is-Sindku qal li ser jitqabbad ħaddiem tal-Kunsill sabiex fejn ikun hemm il-ħmieġ dan jinħasel.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.35 ta' fil-għaxija. Laqgħa oħra ser issir il-Gimgħa, 19 ta' Diċembru 2014 fit-3.00 ta' wara nofsinhar.

Saviour Borg
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555